MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 673/2004

**Bank of Valletta plc**

**vs**

**John u Mary Curmi**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, sitt mija u hasa u erbghin Lira Maltin u hdax –il centezmu, (LM4,645.11,0), bilanc ghad-debitu fil-'Personal Loan Account" ta' John u Mary mizzewgin curmi mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok ."A" u "B") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mid-d9 ta' Novembru tas-sena 2004 sal-jum tal-pagament effettiv, liema "Personal Loan Account"**

**gie moghti lill-konvenuti permezz ta' skrittura privata datata 20 ta' Dicembru, tas-sena 2001 (Dok. "C");**

**U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata u cioe dok. "C" partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti John u Mary mizzewgin Curmi**

**(a) naqsu mili jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura privata, u;**

**(b) kienu inadempjenti f'obbigi ohra minnhom assunti fl-istess skrittura privata sporaindikata, u/jew;**

**(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti li jipperikolaw jew jafettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuti iddekadew mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 24 ta' Mejju tas-sena 2004 (Dok. "D") u tal-mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu pprezentati kotestwalment kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fil-15 ta' Frar tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-**

**Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------